MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 140/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SAVIOUR BALDACCHINO**

**KONTRA**

**SHAUN ATTARD ta' 22 sena, iben Anthony u Josephine nee' Zammit, imwieled Tal-Pieta' nhar it-03.09.1990, residenti fil-fond Palms, Triq Enrico Mizzi, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 430790M; OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Shaun Attard** li gie akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Frar, 2012, gewwa Ta' Xbiex, bil-hsieb li jikkommetti serq ta' mutur outboard ta' valur ta'

madwar €1,700 minn fuq opra tal-bahar bl-isem ta’ La Nega, ghad-detriment ta’ Axel Peemoller, imwieled nhar id-19.09.1976 gewwa l-Germanja ta’ passaport numru L7KMCYHON, liema serq, li kieku sar, kien ikun aggravanti bil-vjolenza, bil-hin, bil-lok, bil-valur li jeccedi €232.94 izda ma jaccedix €2,329.37, u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, skond l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, hebb ghal Axel Peelmoller u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa skond l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku skond l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U fl-ahharnett talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b’dawn il-Gzejjer, kien komplici ta’ attentat ta’ serq u dan billi b’xi mod, xjentement ghen jew assista lill-awtur, cioe’ lil Daniele Aquilina, fl-attentat ta’ serq skond l-Artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moqrija l-akkuzi, Shaun Attard wiegeb illi kien hati ta’ l-istess, liema ammissjoni kienet ri-affermata.

Rat li f’din il-kawza intalbet u saret separazzjoni ta’ gudizzju, ghalhekk din is-sentenza hija biss fil-konfront ta’ Shaun Attard.

Rat li konsegwenza ta’ l-ammissjoni, il-Qorti ordnat u gie redatt Pre-Sentencing Report.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 221, 338 u 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-istess Kapitolu, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Shaun Attard** hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn, taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi, u dan wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------